**Jum ir-Repubblika 2015**

***Introduzzjoni***

**Malta Repubblika għalqet sena oħra. Din is-sena, bħas-snin l-imgħoddija, kienet waħda muvimentata, b'esperjenzi mhux mistennija, bi ġrajjiet li tawna sodisfazzjon u oħrajn li niktuna. Sena li dewqitna t-togħmiet kollha tal-ħajja. Tnax-il xahar Repubblikani li mexxewna fil-wita u t-tlugħ ta' jiem ordinarji li, bħala poplu, lkoll bakkarna u sahrejna fihom.**

**Filwaqt li t-teatru ta' ħafna minn azzjonitna baqa' pajjiżna, iż-żewġ avvenimenti internazzjonali tal-gimgħat li għaddew fakkruna li l-vokazzjoni tagħna, dik ta' oasi ta' sliem u ta' pont interkulturali fil-qalba tal-Mediterran, mhumiex sempliċiment metafori għall-konsum lokali biss.**

***Il-konflitti u t-Terroriżmu, u s-Sigurtà tagħna***

**Il-konflitti u t-terroriżmu li qed iseħħu, qribna, madwarna u 'l hinn minna, iġegħluna nifhmu aktar kemm il-vokazzjoni tagħna ta' poplu li jgħożż il-paċi, trid tibqa' tiddetermina ħidmietna, b'risq niesna, b'risq il-popli ta' madwarna u b'risq l-umanità kollha kemm hi.**

**Min-naħa l-oħra, il-ħarsien u s-sigurtà tagħna iridu jibqgħu temi ewlenin fuq l-aġenda nazzjonali tagħna. Nappella lil Mexxejja politiċi tagħna u lil poplu Malti kollu kemm hu, biex ningħaqdu u ma nintilfux f'battibekki żejda, li jifirduna, u li jagħmluna aktar suxxettibli, quddiem ġrajjiet u sitwazzjonijiet, li quddiemhom, irridu nkunu b'saħħitna.**

**B'dawn il-ħsibijiet f'moħħi, rrid nirrifletti magħkom dwar xi sinjali li iddominaw f'din is-sena, u li jolqtuna mill-qrib bħala poplu.**

***Il-Presidenza***

**Nibda l-ewwel b'nota personali. Irrid nistqarr li l-ħidma tiegħi, mill-qrib, ma' eluf ta' nies ta' rieda tajba, tatni ħafna sodisfazzjon u kuraġġ biex nibqa' għaddejja bi programm ambizzjuż li għandu l-għan li jlaqqa' eluf ta' nies f'ħidmiet differenti; xogħol li jvarja minn riċerka, konferenzi u diskorsi għal ħidma fil-komunità, filantropija, proġetti ta' solidarjetà u li jippromovu l-*empowerment*.**

**Għalija, din is-sena kienet vjaġġ ta' imħabba li ffoka fuq is-sustanza tal-ħajja, aktar milli fuq il-frilli u s-superfiċjalità. Kienu n-nies, bl-eluf tagħhom li, b'kelmithom u bl-esperjenzi tagħhom, ipperswadewni li din il-Presidenza għandha tkun aktar minn parati, tqegħid ta' bukketti u kuruni u diskorsi ċerimonjali.**

Ħafna kienu dawk li  talbuni biex mill-Presidenza nkun spallithom u leħinhom.  Dan id-dmir aċċettajtu, bil-konsegwenzi li din id-deċiżjoni ġġib magħha.

Filwaqt li naċċetta li ż-żmien huwa l-akbar mgħallem u li d-dettalji jinbidlu, il-ħidma Presidenzjali tiegħi, mnebbħa mis-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali, se tibqa' kostanti, sa tmiem il-mandat tiegħi.

*L-Ugwaljanza*

Ir-Repubblika twildet f'ekonomija fejn xogħol il-mara, l-aktar fil-fabbriki tat-tessuti, kien determinanti biex iżomm 'il-pajjiż fil-wiċċ. Dan il-fatt storiku, li ftit li xejn huwa mfakkar u ċċelebrat, ipoġġi lill-mara fiċ-ċentru tal-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna, u jfakkarna li l-preżenza tal-mara fl-ekonomija, f'kuntest ta' ugwaljanza fit-trobbija tat-tfal, hija ndispensabbli.

Sfortunatament, minkejja l-iżviluppi li seħħew fil-qasam tal-ugwaljanza fis-snin Repubblikani, ninnota li għad baqa' ħafna xi jsir biex il-mara Maltija tkun aktar preżenti u viżibbli fil-ħajja pubblika ta' pajjiżna.  Ninnota wkoll li s-suċċess femminili fil-qasam edukattiv f'pajjiżna, ippruvat empirikament minn studji internazzjonali u lokali, mhuwiex jissarraf f'pajjiż aktar ekwu fil-qasam tat-tmexxija pubblika u privata.

**Indikaturi Ewropej juru li n-nisa Maltin għadhom fil-periferija tal-inħawi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet l-aktar importanti.**

**Din l-inġustizzja soċjali u dan id-deficit demokratiku rridu nindirizzawhom b'aktar ħeġġa u b'wisq aktar ħeffa.**

**Nemmen li bi preżenza ferm akbar ta' nisa kompetenti fit-tmexxija, il-pajjiż ikun jista' jieħu deċiżjonijiet li jirrispettaw l-interessi, ir-realtajiet u, fuq kollox, id-drittijiet ta' firxa ferm akbar tal-popolazzjoni tagħna. Fl-istess ħin, ninsab konvinta, li aktar mal-mara tkun imbegħda mit-tmexxija, u mill-inħawi tal-poter, aktar joktru l-possibilitajiet ta' abbuż, ta' esplojtazzjoni u li titnaqqas il-valur tal-kwalità tal-ħajja tan-nies.**

**Sadanittant, l-aħbar f'dawn il-jiem, li l-ugwaljanza se tkun parti mill-aġenda Ewropea għas-sena u nofs li ġejjin, permezz ta' tliet presidenzi konsekuttivi, inkluża Malta, għandha tagħtina ftit tat-tama f'dan il-kuntest.**

*Vjolenza Domestika*

**Filwaqt li f'din is-sena kelli ħafna okkażjonijiet biex nifraħ ma' nies li jinsabu f'relazzjonijiet mill-isbaħ, ma nistax ma nesprimix l-inkwiet personali tiegħi għar-rapporti dejjem joktru ta' vjolenza domestika.**

**Għandna raġun ninkwetaw dwar l-atti terroristiċi, iżda insibha stramba ħafna li ftit li xejn donna rridu nitkellmu dwar nisa u irġiel Maltin, ħafna aktar nisa minn irġiel, itterrorizzati fi djarhom, ta' kuljum u fis-silenzju. Il-vjolenza domestika hija marda soċjali li teħtieġ attenzjoni immedjata.**

**Il-fatt li n-nisa huma l-akbar vittmi ta' din l-aggressjoni twassalni biex nikkonkludi li l-vjolenza domestika mhix sempliċiment marda personali iżda sintomu ta' kundizzjoni soċjali - il-patrijarkija - li qiegħda tnaqqar id-demokrazija fil-pajjiż.**

**Il-kampanja tan-Nazzjonijiet Uniti – il-He for She Campaign - li tagħha l-Presidenza Maltija hija msieħba preferuta, għandha l-għan li twasslilna l-messaġġ li l-irġiel għandhom ikunu protagonisti fil-proċess tal-bini ta' soċjetajiet aktar ekwi, inklussivi, djalogali, ġusti u meħlusa mill-vjolenza. Filwaqt li nistenna aktar azzjoni konkreta u mgħaġġla f'dan il-qasam, irrid nesprimi s-solidarjetà tiegħi mal-vittmi ta' kull tip ta' aggressjoini.**

*Vjolenza Verbali*

**Sikwit nisimgħu l-għajta li fl-għaqda hemm is-saħħa. Ma nistgħux nibnu flimkien Repubblika b'saħħitha jekk, bħala cittadini, ma nirrikonoxxux li l-vjolenza verbali f'pajjiżna qiegħda dejjem tiżdied.**

**Meta għamilna l-mikrofonu u l-internet aktar aċċessibli, ħsibna li d-demokrazija kienet se tissaħħaħ.**

**Jidher ċar, iżda, li d-defiċit edukattiv fl-użu etiku tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali qiegħed iwassalna biex inkissru aktar milli nibnu din is-soċjetà.**

**B'umiltà nistaqsi jekk wasalniex f'punt li t-tgħajjir u l-aggressjoni verbali sarux tant normalizzati li ma nafux ħajja differenti mingħajrhom. Jekk is-suspett tiegħi huwa fatt, nibda nifhem għalfejn għadd ta' nies validi qegħdin jaħarbu l-ħajja pubblika.**

**Nifhem li ftit huma dawk li lesti jiġu mgħajra għal dak kollu li jagħmlu u jistqarru.**

**Sadattant, se tkun ir-Repubblika tagħna li ser tħallas bl-imgħax għad-deterjorament inkwetanti fil-mod kif nitkellmu ma' xulxin.**

**Din is-sitwazzjoni ġġib quddiem għajnejja lil tant tfal u ż-żgħażagħ, li kellmuni dwar l-esperjenzi ta' *bullying* f'ħajjithom, u l-effett li dan ħalla fuqhom, kemm jekk ġew *bullied*, kif ukoll, jekk raw lil minn jiġi *bullied*. Għaldaqstant, nappella lilna l-adulti biex inżommu quddiem għajnejna li l-eżempju jkaxkar.**

*L-Edukazzjoni*

**Ir-riċerka fl-edukazzjoni kompliet ittina aktar indikaturi dwar l-istat ta' dan il-qasam tant importanti għall-pajjiż. Il-pajjiż jonfoq qrib is-sitta fil-mija tal-prodott gross domestiku f'dan il-qasam. Minkejja l-isforzi li saru matul is-snin, ir-riżultati fl-edukazzjoni għadhom mhux jirriflettu l-isforzi u l-infieq li sar u li qiegħed isir fis-settur.**

**Irrid nirrikonoxxi wkoll x-xogħol kbir li sar, u qed isir, minn eluf ta' ħaddiema fil-qasam. Minkejja dan, il-fatti għadhom juruna li għad għandna wisq tfal, żgħażagħ u adulti li ma jarawx l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala parti integrali minn ħajjithom.**

**Wisq aktar inkwetanti huwa l-fatt li, minkejja li r-rata tat-tfal u ż-żgħażagħ li jħallu l-iskola kmieni naqset matul is-snin, numru kbir ta' tfal u ż-żgħażagħ għadhom joħorġu mis-settur obbligatorju bla ħiliet bażiċi.**

**Ħafna minn dawn it-tfal u ż-żgħażagħ, kif turi r-riċerka li saret mill-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà, huma kkundannati għal ħajja prekarja, nieqsa mis-sodisfazzjon li taf tagħti l-ħajja, u jgħixu f'kundizzjonijiet materjali fqar, fl-esklużjoni soċjali, u fi stat ta' saħħa fiżika, emozzjonali u mentali diffiċli.**

**L-istess riċerka turina li hemm qasma kbira soċjali f'dawk li huma riżultati edukattivi, b'dawk ta' livell soċjo-ekonomiku baxx, fost l-aktar rappreżentati fin-nuqqas ta' suċċess edukattiv. Hawnhekk naqbel mal-Professur Carmel Borg, riċerkatur ewlieni fil-qasam edukattiv, li ddeskriva lill-pajjiżna bħala gżira ta' żewġ Maltiet.**

**Soċjetà b'distakk kbir fil-qasam edukattiv hija soċjetà maqsuma soċjalment u ekonomikament. Ma nistgħux nippretendu li għandna soċjetà demokratika meta l-aċċess għall-għodod bażiċi tad-demokrazija u għal frott l-ekonomija mhuwiex mifrux b'mod ekwu.**

**Aktar milli nippersonalizzaw il-problema, irridu lkoll nifhmu li n-nuqqas ta' suċċess fil-qasam edukattiv għandu l-għeruq tiegħu f'azzjoni soċjali dgħajfa. L-isfida hija kbira. Għalhekk, jekk irridu nindirizzaw bis-serjetà din il-problema, ma nistgħux nindirizzaw l-individwu waħdu u rridu mmorru 'l hinn mill-edukazzjoni.**

**Nappella biex dawk kollha li jaħdmu fil-kamp soċjali jingħaqdu mal-iskejjel, mal-familiji u mal-komunità biex, b'mod assertiv u ħolistiku, jaħdmu biex jitkissru ċ-ċrieki interġenerazzjonali ta' dipendenza, apatija lejn il-ħajja, fataliżmu, kumpless ta' inferjorità u aspirazzjonijiet baxxi.**

*It-Tfal u ż-Żgħażagħ*

**It-tfal u ż-żgħażagħ jinħtieġ li nisimgħuhom.**

**Huwa d-dritt tagħhom li jiġu mismugħin.**

**Huwa dmir tagħna li nisimgħuhom, nagħrblu x'jgħidu, u nieħdu l-azzjonijiet li hemm bżonn.**

**Irrid nisħaq fuq il-ħtieġa li dan il-pajjiż jiżviluppa l-proċessi meħtieġa biex dan id-dritt nagħtuh lil uliedna, mhux okkażjonalment, iżda, bħala parti mill-proċess ta' kif naslu għad-deċiżjonijiet.**

**Min-naħa l-oħra, infakkar f'aktar drittijiet li uliedna għadhom imċaħħda minnhom, minkejja li Malta ilha firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal, sa mill-1990.**

**Sa llum għadna mingħajr il-liġi komprensiva dwar id-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażagħ, u aktar minn hekk, mingħajr l-Att dwar il-Ħarsien tat-Tfal (Ħarsien Barra mid-Dar).**

**Għalhekk, inħeġġeġ lill-Parlament Malti biex ma jitlifx aktar żmien, u jġib fis-seħħ il-liġijiet meħtieġa biex lit-tfal u ż-żgħażagħ Maltin nagħtuhom l-għodda meħtieġa li jagħmluhom ċittadini sħaħ ta' pajjiżna.**

*Il-Faqar u Inugwaljanzi*

**L-istudji li saru mill-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà u l-laqgħat tal-fora fi ħdan l-istess struttura juru biċ-ċar li l-prekarjat u l-faqar huma fost l-akbar ostakli għall-edukazzjoni tul il-ħajja u għall-mobiltà soċjali. Nies fil-komunità, riċerkaturi lokali u diversi dokumenti lokali u internazzjonali jfakkruna li l-faqar għadu jħabbat fuq il-bieb tas-soċjetà tagħna.**

**Infakkar li numru sew ta' dawk meqjusa bħala viċin tal-linja tal-faqar huma fqar li qegħdin jaħdmu, jew pensjonanti li ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja, jew li ma jistgħux jiggarantixxu lilhom infushom ħajja ta' kwalità.**

**Wieħed jittama li l-miżuri li ttieħdu f'Settembru ta' din is-sena fil-konfront tal-faqar fost it-tfal u ż-żgħażagħ, u l-miżuri li għandhom jidħlu fis-seħħ minn Jannar li ġej fil-konfront ta' xi penzjonanti, iħallu l-impatt pozittiv mixtieq. Irridu nkomplu nfakkru li fid-definizzjoni tagħna ta' demokrazija Repubblikana bbażata fuq ix-xogħol, insibu d-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem li mingħajrhom ebda demokrazija ma tista' tistagħna. Il-faqar jhedded dawn id-drittijiet u d-dinjità li jistħoqlu l-bniedem.**

**Dan huwa żmien mill-aktar opportun għal pajjiżna biex nindirizzaw mhux biss il-faqar, iżda wkoll il-*wellbeing* tas-soċjetà Maltija, fid-definizzjoni wiesgħa tal-kelma. Dan għaliex Malta qed tirreġistra tkabbir ekonomiku mill-aktar sinifikanti. Ninnota li, filwaqt li għall-ekonomija irnexxilna niżvillupaw għodda biex inkejluha, għadna ma rnexxilniex niżvillupaw għodda effettiva biżżejjed, biex inkejlu l-*wellbeing* tagħna. Għalhekk inħeġġeġ biex nieħdu l-opportunità biex niżvilluppaw l-għodda għal kejl tal-ġid soċjali.**

***L-Istituzzjonijiet u r-Riforma Kostituzzjonali***

**L-imġieba tal-politiċi tagħna kienet tema rikurrenti tas-sena li waslet biex tintemm. Il-partiti tlewmu fuq kull aspett tal-ħajja. Dan għamluh bl-aktar mod pubbliku, sikwit bl-aktar mod aggressiv. Ebda partit ma ħareġ rebbieħ min din il-battalja. Kienet Malta li tilfet bil-kbir.**

**Sadanittant, il-fiduċja fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż kompliet titnaqqar. Dawk li jixtiequ l-ġid lir-Repubblika huma mxennqin biex jaraw titjib fl-imġieba tal-politiċi, kemm fil-Parlament, kif ukoll barra. Hemm bżonn urġenti li l-politika tirkupra il-prestiġju li tilfet. Dan tagħmlu biss b'imgieba eżemplari u etikament korretta. Dan li qiegħed ngħid għall-politiċi japplika wkoll għall-istituzzjonijiet oħra, li numru minnhom kienu fiċ-ċentru tal-aħbarijiet matul is-sena.**

**F'dan il-kuntest, bla dubju, jidher ċar li r-riforma kostituzzjonali saret urġenti.**

**Nappella biex ilkoll nogħlew 'l fuq mill-politika partiġġjana u ningħaqdu biex nirrevedu u nsaħħu l-istituzzjonijiet li fuqhom hemm mibni l-ħarsien tad-demokrazija u d-drittijiet tal-poplu tagħna.**

***Soċjetà Ċivili***

**B'sodisfazzjon ninnota soċjetà ċivili aktar viżibbli, assertiva u konkreta. Nerġa' ntenni l-konvinzji tiegħi li s-soċjetà civili hija kolonna importanti li fuqha tisrtrieħ id-demokrazija. Is-soċjetà ċivili taħdem ma' u għall-komunitajiet tagħna, u l-għerf esperjenzjali u professjonali miġmugħ minnha, huma elementi ndispensabbli għall-ġid tas-soċjetà.**

***L-Iżvilupp Sostennibli***

**Din is-sena smajna ħafna bil-kelma sostenibbiltà. B'dispjaċir inħares lura fis-snin u ninnota li l-iżvilupp ekonomiku, mhux dejjem sar b'rispett lejn l-ambjent ta' pajjiżna. Riżorsi naturali inqerdu, il-biodiversità tnaqqret, u l-ħajja selvaġġa ftaqret. L-ilma, dritt bażiku ta' kullħadd, huwa mhedded. L-ispazji pubbliċi ċkienu.**

**L-istudju dottorali ta' Peter Fsadni, jurina wkoll li xi wħud mill-iskejjel tagħna huma saħansitra ambjenti perikolużi għas-saħħa tat-tfal u ż-żgħażagħ.**

**Dan huwa parti mill-bilanċ ta' snin kbar ta' żvilupp bla rażan li għalaqna fi spazji limitati u li qed imarrduna. Proċess li donnu m'għandux tmiem. Quddiem dan it-tfaqqir ambjentali nwissi li ma nistgħux nippridkaw lid-dinja jekk aħna nibqgħu 'periti' tal-qerda f'pajjiżna.**

**Dan l-appell qed nagħmlu f'isem tfal u żgħazagħ, Maltin u Għawdxin, li regolarment jitkellmu miegħi fuq kemm jixtiequ li Malta tagħna toffrilhom ambjent li jagħtihom ħelsien mill-anzjetajiet u jagħtihom sens ta' *wellbeing*. Huwa għalhekk li rrid nappella lil parlamentari kollha tagħna, biex jingħaqdu, u jizviluppaw flimkien, viżjoni u politika nazzjonali ambjentali, b'risq uliedna.**

***Il-Mediterran***

**Sadanittant, b'dieqa inkompli ninnota li xtutna baqgħu ilmet il-mistħija, u l-mewt. Eluf ta' missirijiet, ommijiet u ulied inbelgħu mill-baħar li kellu jwassalhom biex isalvaw ħajjiethom.**

**Insellem il-memorja ta' ħutna bnedmin mejtin u nesprimi d-diżappunt tiegħi li l-akbar interess tas-setgħana donnu huwa li nżommu lin-nies**

**’l bogħod mill-ixtut tal-Ewropa aktar milli intemmu l-abbuż ta’ dawk l-artijiet li jistgħu isostnu ħajjet il-miljuni.**

***Għeluq***

**Fl-aħħarnett, nemmen bis-sħiħ li Repubblika bbażata fuq il-ħniena ma tieqafx tippriedka l-umanità qabel il-profitt, id-dinjità tal-bniedem qabel il-fruntieri, u d-drittijiet umani fuq il-karità okkażjonali. Ninnota li mhux dejjem qed jirnexxielna nagħmlu l-għażliet etiċi t-tajba. Id-dekadenza qiegħda tnawwarna u tbegħdna minn dawk il-valuri li żammewna flimkien fl-aktar mumenti diffiċli tal-istorja tagħna.**

**Nixtieq nemmen li għadna fil-ħin biex nimmaġinaw Malta morali differenti milli qed issir, u dan nagħmluh b’rispett lejna nfusna bħala adulti, b’rispett lejn uliedna ħajjin, u b’rispett lejn dawk li għad iridu jitwieldu.**

**Għalhekk nawgura sena Repubblikana oħra, aktar etika, ekwa u ġusta lil kulħadd.**